Nru./No. 20,882
Prezz/Price
€2.88

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 28 ta' Ġunju, 2022
Tuesday, 28th June, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 9985
Proclamation by the President of Malta 9985

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 9986 - 10,002
Government Notices ..... 9986 - 10,002

Avviżi tal-Pulizija ..... 10,002 - 10,004
Police Notices ..... 10,002 - 10,004

Avviżi lill-Baħħara ..... 10,004 - 10,005
Notices to Mariners ..... 10,004 - 10,005

Avviżi tal-Gvern ..... 10,005 - 10,007
Notices ..... 10,005 - 10,007

Offerti ..... 10,007 - 10,016
Tenders ..... 10,007 - 10,016

Avviżi tal-Qorti ..... 10,017 - 10,044
Court Notices ..... 10,017 - 10,044

ANNO DOMINI 2022 NRU. IV

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT
(L.S.) TA' MALTA

(Iff.) FRANK BEZZINA
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fil-25 ta' Ġunju, 2022, l-Aġent Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 tal-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, FRANK BEZZINA, qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skont l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz ta' Sant'Anton, illum, 25 ta' Ġunju, 2022.

B'Awtorità,

(Iff.) OWEN BONNICI
Aġent Prim Ministru

ANNO DOMINI 2022 NO. IV

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT
(L.S.) OF MALTA

(Sd) FRANK BEZZINA
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 25th day of June, 2022, the Acting Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, FRANK BEZZINA, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at Sant'Anton Palace, this 25th day of June, 2022.

By Authority,

(Sd) OWEN BONNICI
Acting Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 737

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru X tal-2022 imsejjaħ l-Att tal-2022 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3).

It-28 ta' Ġunju, 2022

Nru. 738

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikat fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,879 tal-21 ta' Ġunju, 2022 (Avviżi Legali 179 sa 190) u Nru. 20,881, tal-24 ta' Ġunju, 2022 (Avviżi Legali 191 sa 195) rispettivament.

A.L. 179 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2022 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Scripture Studies – B.A. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija.

A.L. 180 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti tal-2022 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Air Transport – B. Sc. (Hons).

A.L. 181 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. IT (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni.

A.L. 182 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti tal-2022 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2020 tal-Kors għas-Certificate in Engineering Sciences.

A.L. 183 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għad-Diploma in Journalism – Dip. Journalism – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien.

GOVERNMENT NOTICES

No. 737

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. X of 2022 entitled the Criminal Code (Amendment No. 3) Act, 2022.

28th June, 2022

No. 738

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 20,879 of 21st June, 2022 (Legal Notices 179 to 190) and No. 20,881 of 24th June, 2022 (Legal Notices 191 to 195) respectively.

L.N. 179 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2022 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2019 for the Degree of Bachelor of Arts (Honours) in Scripture Studies – B.A. (Hons) – under the auspices of the Faculty of Theology.

L.N. 180 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bachelor of Science (Honours) in Air Transport – B. Sc. (Hons) – Degree Course (Amendment) Regulations, 2022.

L.N. 181 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2022 to amend the Bye-Laws of 2013 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2019 for the Degree of Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. IT (Hons) – under the auspices of the Faculty of Information and Communication Technology.

L.N. 182 of 2022: Education Act (Cap. 327); Certificate in Engineering Sciences Course (Amendment) Regulations, 2022.

L.N. 183 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2022 to amend the Bye-Laws of 2011 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2019 for the Diploma in Journalism – Dip. Journalism – under the auspices of the Faculty of Media and Knowledge Sciences.

A.L. 184 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti tal-2022 tal-Kors għall-Grad ta' Master in Disability Studies taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

L.N. 184 of 2022: Education Act (Cap. 327); Master in Disability Studies Degree Course Regulations, 2022 under the auspices of the Faculty for Social Wellbeing.

A.L. 185 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti tal-2022 għat-Tħassir ta' Regolamenti u Ordinamenti Varji.

L.N. 185 of 2022: Education Act (Cap. 327); Regulations for the Repeal of Various Regulations and Bye-Laws, 2022.

A.L. 186 tal-2022: Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (Kap. 425); Regolamenti tal-2022 li jħassru l-Ordni dwar ir-Restrizzjoni ta' Importazzjoni tat-Tonn.

L.N. 186 of 2022: Fisheries Conservation and Management Act (Cap. 425); Tunny Fish (Importation) Restriction Order (Repeal) Regulations, 2022.

A.L. 187 tal-2022: Att Dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap. 439); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Annimali miżmuma għal raġunijiet tal-Agrikoltura.

L.N. 187 of 2022: Animal Welfare Act (Cap. 439); Farm Animals (Protection) (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 188 tal-2022: Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali (Kap. 420); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Standards* Minimi għall-Protezzjoni Temporanja ta' Rifuġjati.

L.N. 188 of 2022: International Protection Act (Cap. 420); Temporary Protection for Displaced Persons (Minimum Standards) (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 189 tal-2022: Att dwar Proprjetà ta' Entijiet Ekklesjastiċi (Kap. 358), Att Dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku (Kap. 575); Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta' €677,400 *Stock* tal-Gvern ta' Malta bis-7%, 2032 (V).

L.N. 189 of 2022: Ecclesiastical Entities (Properties) Act (Cap. 358), Government Borrowing and Management of Public Debt (Cap. 575); Directive by the Minister for Finance for the issue of €677,400 7% Malta Government Stock, 2032 (V).

A.L. 190 tal-2022: Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità (Kap. 389); Regolamenti tal-2022 li jemendaw l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità.

L.N. 190 of 2022: Private Guards and Community Officers Act (Cap. 389); Private Guards and Community Officers Act (Schedule) (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 191 tal-2022: Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (Kap. 418); Ordni tal-2022 li Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.

L.N. 191 of 2022: Malta Communications Authority Act (Cap. 418); Malta Communications Authority Act (Second Schedule) (Amendment) Order, 2022.

A.L. 192 tal-2022: Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Kap. 399); Regolamenti tal-2022 li Jirrevokaw ir-Regolamenti dwar *Roaming* fuq *Networks* Pubbliċi tat-Telefonija Mobbli.

L.N. 192 of 2022: Electronic Communications (Regulation) Act (Cap. 399); Roaming on Public Mobile Network (Repeal) Regulations, 2022.

A.L. 193 tal-2022: Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema ta' Kumpens lid-Depożitant.

L.N. 193 of 2022: Banking Act (Cap. 371); Depositor Compensation Scheme (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 194 tal-2022: Att dwar il-Logħob (Kap. 583); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Logħob.

L.N. 194 of 2022: Gaming Act (Cap. 583); Gaming Tax (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 195 tal-2022: Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti (Kap. 246); Ordni tal-2022 dwar Pender Place u Mercury House, Estensjoni VI, f'San Ġiljan bħala Żona Speċjali Msemmija.

L.N. 195 of 2022: Immovable Property (Acquisition by Non-Residents) Act (Cap. 246); Pender Place and Mercury House Site, Extension VI, St Julian's (Designated Special Areas) Order, 2022.

Nru. 739

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-MINISTRU għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza għoġbu japprova l-ħatra tal-Kurunell Clinton John O'Neill bħala Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, b'seħħ mill-4 ta' Ġunju, 2022 u l-promozzjoni tiegħu fir-rank ta' Brigadier b'seħħ mill-istess data.

It-28 ta' Ġunju, 2022

No. 739

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE Minister for Home Affairs, Security, Reforms and Equality has been pleased to approve the appointment of Colonel Clinton John O'Neill as Commander of the Armed Forces of Malta, with effect from 4th June, 2022 and his promotion to the rank of Brigadier with effect from the same date.

28th June, 2022

Nru. 740

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-MINISTRU għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza għoġbu japprova r-rinunzja tal-ħatra tal-Kurunell Clinton John O'Neill bħala Deputat Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, b'seħħ mis-27 ta' Ġunju, 2022.

It-28 ta' Ġunju, 2022

No. 740

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE Minister for Home Affairs, Security, Reforms and Equality has been pleased to approve the relinquishment of the appointment of Colonel Clinton John O'Neill as Deputy Commander of the Armed Forces of Malta, with effect from 27th June, 2022.

28th June, 2022

Nru. 741

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-MINISTRU għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza għoġbu japprova l-promozzjoni tal-Uffiċjali hawn taħt imsemmija għar-rank ta' Kurunell b'seħħ mis-27 ta' Ġunju, 2022.

Lt Col James Louis Grech
Lt Col Mark Anthony Borg
Lt Col Edric Zahra
Lt Col Etienne Scicluna

It-28 ta' Ġunju, 2022

No. 741

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE Minister for Home Affairs, Security, Reforms and Equality has been pleased to approve the promotions of the under mentioned Officers to the rank of Colonel with effect from 27th June, 2022.

Lt Col James Louis Grech
Lt Col Mark Anthony Borg
Lt Col Edric Zahra
Lt Col Etienne Scicluna

28th June, 2022

Nru. 742

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-MINISTRU għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza għoġbu japprova l-ħatra tal-Kurunell Edric Zahra bħala Deputat Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, b'seħħ mis-27 ta' Ġunju, 2022.

It-28 ta' Ġunju, 2022

No. 742

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE Minister for Home Affairs, Security, Reforms and Equality has been pleased to approve the appointment of Colonel Edric Zahra as Deputy Commander of the Armed Forces of Malta, with effect from 27th June, 2022.

28th June, 2022

Nru. 743

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-ISTATISTIKA TA' MALTA (KAP. 422)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 5(3) tal-Att dwar l-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta, Kap 422, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għoġbu jaħtar lil Dott. Carl Camilleri, B.Com.(Melit.), BA (Hons) (Econ.) (Melit.), MSc (Econometrics) (Lond.), PhD (City University, Lond.), bħala Chairperson fuq il-Bord tal-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta minflok il-Prof. Albert Leone Ganado, BSc, MA DPhil (Oxon) CDipAF. Din il-ħatra tibqa' valida sad-9 ta' Diċembru, 2024.

It-23 ta' Ġunju, 2022

No. 743

MALTA STATISTICS AUTHORITY ACT (CAP. 422)

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Article 5(3) of the Malta Statistics Authority Act, Cap. 422, the Minister for Finance and Employment has appointed Dr Carl Camilleri, B.Com. (Melit.), BA (Hons) (Econ.) (Melit.), MSc (Econometrics) (Lond.), PhD (City University, Lond.), as Chairperson of the Malta Statistics Authority Board in lieu of Prof. Albert Leone Ganado, BSc, MA, DPhil (Oxon) CDipAF. This appointment remains valid up to 9th December, 2024.

23rd June, 2022

Nru. 744

ATT DWAR IS-SERVIZZI TA' IMPJIEG U TAĦRIĠ (KAP. 594)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu b'artikolu 6 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ (Kap. 594), il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għoġbu jaħtar lis-Sur Miguel Cauchi bħala Direttur fuq il-Bord tad-Diretturi Jobsplus. Din il-ħatra hija valida sal-31 ta' Mejju, 2023.

It-23 ta' Ġunju, 2022

No. 744

EMPLOYMENT AND TRAINING SERVICES ACT (CAP. 594)

IT is hereby notified for general information, that in terms of the powers conferred by article 6 of the Employment and Training Services Act (Cap. 594), the Minister for Finance and Employment has appointed Mr Miguel Cauchi as Director on the Jobsplus Board of Directors. This appointment is valid up to 31st May, 2023.

23rd June, 2022

Nru. 745

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

Bord tal-Fond għall-Insolvenza

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għat-Turiżmu ħatar lil dawn li ġejjin bħala membri fuq il-Bord tal-Fond għall-Insolvenza. Dawn il-ħatriet jibqgħu fis-seħħ sad-29 ta' Mejju, 2025.

Chairperson
Is-Sa Valerie Vella

Membri
Is-Sur Gavin Gulia
Is-Sur Carlo Micallef
Is-Sur Noel Farrugia
Is-Sur Martin Degiorgio

Segretarja
Is-Sa Lydia Pellicano

It-28 ta' Ġunju, 2022

No. 745

MINISTRY FOR TOURISM

Insolvency Fund Board

IT is hereby notified for general information that the Minister for Tourism has appointed the following as members on the Insolvency Fund Board. These appointments remain valid up to the 29th May, 2025.

Chairperson
Ms Valerie Vella

Members
Mr Gavin Gulia
Mr Carlo Micallef
Mr Noel Farrugia
Mr Martin Degiorgio

Secretary
Ms Lydia Pellicano

28th June, 2022

Nru. 746

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

Bord tal-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministeru għat-Turiżmu għoġbu jagħmel dawn il-ħatriet kif ġej fuq il-Bord tal-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta:

Chairperson
Is-Sa Beverly Cutajar

Deputy Chairperson
Is-Sur Ryan Pace

Membri
Is-Sur Clint Bajada
Is-Sur Johann Grech
Is-Sur Ayrton Mifsud

Segretarju
Is-Sur Sean Schembri

Dawn il-ħatriet jibqgħu fis-seħħ sad-29 ta' Mejju, 2025.

It-28 ta' Lulju, 2022

No. 746

MINISTRY FOR TOURISM

Malta Film Commission Board

IT is hereby notified for general information that the Minister for Tourism has made the following appointments on the Malta Film Commission Board:

Chairperson
Ms Beverly Cutajar

Deputy Chairperson
Mr Ryan Pace

Members
Mr Clint Bajada
Mr Johann Grech
Mr Ayrton Mifsud

Secretary
Mr Sean Schembri

These appointments remain valid up to the 29th May, 2025.

28th June, 2022

Nru. 747

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

ITS New Campus

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għat-Turiżmu ħatar lill-Membri tal-Bord tal-ITS New Campus. Dawn il-ħatriet jibqgħu fis-seħħ sad-29 ta' Mejju, 2023.

Chairman
Is-Sur Charles Mangion

Membri
Is-Sur Joseph Vella
Is-Sa Taziana Grech
Is-Sa Graziella Fava Azzopardi
Is-Sur Joseph Saviour Azzopardi
Is-Sur Charles Pullicino
Is-Sa Jeanelle Sciberras

Segretarju
Is-Sur John Bonello

It-28 ta' Ġunju, 2022

No. 747

MINISTRY FOR TOURISM

ITS New Campus

IT is hereby notified for general information, that the Minister for Tourism has appointed the following as Members of the Board of the ITS New Campus. These appointments remain valid up to the 29th May, 2023.

Chairman
Mr Charles Mangion

Members
Mr Joseph Vella
Ms Taziana Grech
Ms Graziella Fava Azzopardi
Mr Joseph Saviour Azzopardi
Mr Charles Pullicino
Ms Jeanelle Sciberras

Secretary
Mr John Bonello

28th June, 2022

Nru. 748

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

Bord tad-Diretturi ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għat-Turiżmu għoġbu japprova l-ħatra tal-Bord tad-Diretturi ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi (MCC). Dawn il-ħatriet jibqgħu fis-seħħ sad-29 ta' Mejju, 2023.

Chairperson
Is-Sur Kenneth Spiteri

Deputy Chairperson
Is-Sur Chris Grima

Membri
Is-Sur Felix Galea Busuttil
Is-Sur Joseph Chetcuti
Is-Sa Davinia Laferla Turner
Is-Sa Lara Azzopardi
Is-Sa Joanne Xuereb
Is-Sur Joe Julian Farrugia
Is-Sa Nadia Portelli
Is-Sur Norman Grech
Is-Sa Anna Maria Vella

Segretarju
Is-Sur Kenneth Busuttil

It-28 ta' Ġunju, 2022

No. 748

MINISTRY FOR TOURISM

Board of Directors of the Mediterranean Conference Centre

IT is hereby notified for general information that the Minister for Tourism has approved the appointment of the Board of Directors of the Mediterranean Conference Centre. These appointments remain valid up to the 29th May, 2023.

Chairperson
Mr Kenneth Spiteri

Deputy Chairperson
Mr Chris Grima

Members
Mr Felix Galea Busuttil
Mr Joseph Chetcuti
Ms Davinia Laferla Turner
Ms Lara Azzopardi
Ms Joanne Xuereb
Mr Joe Julian Farrugia
Ms Nadia Portelli
Mr Norman Grech
Ms Anna Maria Vella

Secretary
Mr Kenneth Busuttil

28th June, 2022

Nru. 749

ATT TAL-INĠINIERA (KAP. 321)

Bord tal-Inġiniera

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu permezz tal-Artikolu 6 tal-Att tal-Inġiniera (Kap. 321), il-Ministru għax-Xogħolijiet Pubbliċi u l-Ippjanar ħatar il-Bord tal-Inġiniera kif imsemmi hawn taħt.

Dawn il-ħatriet huma effettivi mill-21 ta' Ġunju, 2022, għal perjodu ta' tliet (3) snin.

Chairman
Dott. Noel Camilleri, LLD, LLM

Deputy Chairperson
Inġ. Keith Chetcuti, B. Eng (Hons)

No. 749

INĠINIERA ACT (CAP. 321)

Inġiniera Board

IT is notified that, in exercise of the powers conferred to him by Article 6 of the Inġiniera Act (Cap. 321), the Minister for Public Works and Planning has appointed the Inġiniera Board as listed below.

These appointments are effective from 21st June, 2022, for a period of three (3) years.

Chairman
Dr Noel Camilleri, LLD, LLM

Deputy Chairperson
Inġ. Keith Chetcuti, B. Eng (Hons)

Membri

Inġ. Robert Schembri, B.Mech Eng (Hons) M.Sc Desal (Glas)

Dott. Inġ. Kenneth Chircop, B.Eng (Hons.), PhD, MAIAA, MIEEE

Tliet membri eletti minn fost id-detenturi ta' warrant

Inġ. Fabio Stivala, B.Eng (Hons), Eur. Ing., MIFireE

Dott. Inġ. Brian Micallef, PhD (Melit.), B.Eng.(Hons) (Melit.), MIEEE, MIET

Inġ. Samuel Bonanno, B.Eng. (Hons) (Melit.), M.Sc. (Melit.) (by Research)

Segretarju

Is-Sur Jack Farrugia

Il-membri eletti tal-Bord għandhom iżommu l-ħatra sal-31 ta'Awwissu, 2022, skont l-Artikolu 6 tal-Att tal-Inġiniera (Kap. 321).

It-28 ta' Ġunju, 2022

Members

Inġ. Robert Schembri, B.Mech Eng.(Hons) M.Sc Desal (Glas)

Dr Inġ. Kenneth Chircop, B.Eng. (Hons.), PhD, MAIAA, MIEEE

Three members elected from among warrant holders

Inġ. Fabio Stivala, B.Eng (Hons), Eur. Ing., MIFireE

Dr Inġ. Brian Micallef, PhD (Melit.), B.Eng.(Hons) (Melit.), MIEEE, MIET

Inġ. Samuel Bonanno, B.Eng. (Hons) (Melit.), M.Sc. (Melit.) (by Research)

Secretary

Mr Jack Farrugia

The elected members of the Board shall hold office until the 31st of August, 2022, in terms of Article 6 of the Inġiniera Act (Cap. 321).

28th June, 2022

Nru. 750

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tal-artikolu 10B tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, in-Nutar Dottor Rachel Briffa Baldacchino biddlet kunjomha minn Baldacchino għal Briffa Baldacchino wara ż-żwieġ tagħha u għalhekk isimha u kunjomha issa jinqraw Rachel Briffa Baldacchino.

DR KEITH FRANCIS GERMAN
Nutar Prinċipali tal-Gvern

It-28 ta' Ġunju, 2022

No. 750

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

IT is hereby notified that in virtue of article 10B of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, Notary Doctor Rachel Briffa Baldacchino has changed her surname from Baldacchino to Briffa Baldacchino following her marriage and therefore her name and surname now read Rachel Briffa Baldacchino.

DR KEITH FRANCIS GERMAN
Chief Notary to Government

28th June, 2022

Nru. 751

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tal-artikolu 10B tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, in-Nutar Dottor Kristina Bonavia Gatt biddlet kunjomha minn Bonavia għal Bonavia Gatt wara ż-żwieġ tagħha u għalhekk isimha u kunjomha issa jinqraw Kristina Bonavia Gatt.

DR KEITH FRANCIS GERMAN
Nutar Prinċipali tal-Gvern

It-28 ta' Ġunju, 2022

No. 751

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

IT is hereby notified that in virtue of article 10B of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, Notary Doctor Kristina Bonavia Gatt has changed her surname from Bonavia to Bonavia Gatt following her marriage and therefore her name and surname now read Kristina Bonavia Gatt.

DR KEITH FRANCIS GERMAN
Chief Notary to Government

28th June, 2022

Nru. 752

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tal-artikolu 10B tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, in-Nutar Dottor Rebecca Janelle Berry Wellman biddlet kunjomha minn Wellman għal Berry Wellman wara ż-żwieġ tagħha u għalhekk isimha u kunjomha issa jinqraw Rebecca Janelle Berry Wellman.

DR KEITH FRANCIS GERMAN
Nutar Prinċipali tal-Gvern

It-28 ta' Ġunju, 2022

Nru. 753

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tal-artikolu 14(1)(a) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili (Kapitlu 55 tal-Liġijiet ta' Malta), in-Nutar Dottor Paula Mamo irriżenjat mill-kariga ta' Nutar Pubbliku u permezz ta' Digriet (Rikors Numru 471/2022) maħruġ mill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili tas-16/6/2022, in-Nutar Dottor Roberta Galea Mamo ġiet maħtura bħala n-Nutar Konservatur tal-atti kollha tagħha.

DR KEITH FRANCIS GERMAN
Nutar Prinċipali tal-Gvern

It-28 ta' Ġunju, 2022

Nru. 754

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Loredana Micallef bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. John Debono u dan għall-perjodu bejn il-21 ta' Lulju, 2022 u t-28 ta' Lulju, 2022

Illum, 24 ta' Ġunju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 752

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

IT is hereby notified that in virtue of article 10B of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, Notary Doctor Rebecca Janelle Berry Wellman has changed her surname from Wellman to Berry Wellman following her marriage and therefore her name and surname now read Rebecca Janelle Berry Wellman.

DR KEITH FRANCIS GERMAN
Chief Notary to Government

28th June, 2022

No. 753

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

IT is hereby notified that in virtue of article 14(1)(a) of the Notarial Profession and Notarial Archives Act (Chapter 55 of the Laws of Malta), Notary Doctor Paula Mamo resigned from exercising her functions as Notary Public and by means of a Decree (Application Number 471/2022) issued by the Court of Revision of Notarial Acts of the 16/6/2022, Notary Doctor Roberta Galea Mamo was appointed as her Notary Keeper of all her deeds.

DR KEITH FRANCIS GERMAN
Chief Notary to Government

28th June, 2022

No. 754

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Loredana Micallef to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr John Debono, for the period between the 21st July, 2022 and the 28th July 2022.

Today, the 24th June, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 755

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Joseph Henry Saydon bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Patricia Vella Haber u dan għall-perjodu bejn l-4 ta' Lulju, 2022 u l-11 ta' Lulju, 2022.

Illum, 24 ta' Ġunju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 755

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Joseph Henry Saydon to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Patricia Vella Haber, for the period between the 4th July, 2022 and the 11th July, 2022.

Today, the 24th June, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 756

MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-regolament 13 (1) (b) tat-Tlettax-il Skeda (Riċevuti Fiskali) tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxa jgħarraf illi t-tipi ta' cash registers fiskali ġew approvati:

Marka *Brand*	Mudell *Model*	Bejjiegħ *Supplier*
Novitus	Fiscal Cash Register - Nano E	Electronic Products Ltd

It-28 ta' Ġunju, 2022

No. 756

MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

IN exercise of the powers conferred by regulation 13 (1) (b) of the Thirteenth Schedule (Fiscal Receipts) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Revenue notifies that the following types of fiscal cash registers have been approved:

28th June, 2022

Nru. 757

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Parti minn Triq il-Kanonku Bonnici/parti minn Triq l-4 ta' Settembru 1918, Santa Venera/Il-Ħamrun (indikat fuq il-pjanta f'paġna 9996);

No. 757

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Part of Triq il-Kanonku Bonnici/part of Triq l-4 ta' Settembru 1918, Santa Venera/Ħamrun (indicated on site plan on page 9996);

Triq Ta' Feliċjan, Birżebbuġa (indikat fuq il-pjanta f'paġna 9997);

Parti minn Triq in-Nassaba/parti minn Triq l-Iskola, Ħal Safi (indikat fuq il-pjanta f'paġna 9998).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mill-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-28 ta' Ġunju, 2022 u l-31 ta' Diċembru, 2022, se tkun qed tibda xogħlijiet f'parti minn Triq il-Kanonku Bonnici u parti minn Triq l-4 ta' Settembru 1918, Santa Venera/Il-Ħamrun. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-28 ta' Ġunju, 2022 u l-31 ta' Diċembru, 2022, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Ta' Feliċjan, Birżebbuġa. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-28 ta' Ġunju, 2022 u l-31 ta' Diċembru, 2022, se tkun qed tibda xogħlijiet f'parti minn Triq in-Nassaba u parti minn Triq l-Iskola, Ħal Safi. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Aktar informazzjoni jew assistenza tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com).

It-28 ta' Ġunju, 2022

Triq Ta' Feliċjan, Birżebbuġa (indicated on page 9997);

Part of Triq in-Nassaba/part of Triq l-Iskola, Ħal Safi (indicated on page 9998).

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 28th June, 2022 and 31st December, 2022, it will be starting road works in part of Triq il-Kanonku Bonnici and part of Triq l-4 ta' Settembru 1918, Santa Venera/Ħamrun. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No Parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.


The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 28th June, 2022 and 31st December, 2022, it will be starting road works in Triq Ta' Feliċjan, Birżebbuġa. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No Parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 28th June, 2022 and 31st December, 2022, it will be starting road works in part of Triq in-Nassaba and part of Triq l-Iskola, Ħal Safi. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No Parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related "no parking" signs on site are liable to be towed.

Further information or assistance may be obtained by email to (info.im@infrastructuremalta.com).

28th June, 2022




INFRASTRUCTURE MALTA


CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing Fredrick Azzopardi	PROJECT TITLE: SANTA VENERA/HAMRUN
ARCHITECT: D.V.	DRAWING TITLE: P/O TRIQ IL-KANONKU BONNICI - TRIQ 4 TA' SETTEMBRU 1918 - SITE PLAN
CHECKED BY: -	DATE: DEC 2021 / FILE No: - / DRAWING No: RD/195/17
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4 / SCALE: 1:2500 / REVISION: D / SHEET No: 1

PROJECT No.: -

P:\Design\Common Area\Traffic Management\2017\Santa Venera\2017 Santa Venera.dwg



INFRASTRUCTURE MALTA	CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Fredrick Azzopardi	UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: BIRŻEBBUĠA Triq Ta Felicjan - SITE PLAN (Extents of Works are not binding but indicative)		
		HEAD OF UNIT: N.V.			
		PROJECT LEADER: -	DATE: FEB 2022	FILE NO: -	DRAWING NO: IMD44/22
	S:\Traffic Management\2022\Birzebbuga\2022 Birzebbuga.dwg	DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: A / PAGE NO: 2



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Trustin Farrugia Cann	UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: HAL SAFI po TRIQ IN-NASSABA - po Triq L-Iskola SITE PLAN (Extents of works aren't binding but Indicative)		
	HEAD OF UNIT: N.V.			
	PROJECT LEADER: -	DATE: JUNE 2022	FILE NO: -	DRAWING NO: IMD261/20
S:\Traffic Management\2020\Saf\2020 Saf.dwg	DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: - PAGE NO: 1

Nru. 758

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRKIRKARA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 805 tat-30 ta' Awwissu, 2011, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Birkirkara', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 758

NUMBERING OF DOORS AT BIRKIRKARA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 805 dated 30th August, 2011, under the title 'Renumbering of doors at Birkirkara', the following amendments in **bold** should be made.

BIRKIRKARA

TRIQ FLEUR DE LYS

Meta tidħol minn Triq il-Wied
Entering from Triq il-Wied

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
332, Shangri-La	332
Ħanut	333
334	334
Ħanut	335
Ħanut	336
337	337
338	338
339, St. Rita	339

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
332, Shangri-La	332
Daħla għall-garaxxijiet	**333**
Bieb bla numru	**334**
Lily Court	**335**
Bieb bla numru	**336**
Ħanut	**337**
Bieb bla numru	**338**
339, St. Rita	339

It-28 ta' Ġunju, 2022

28th June, 2022

Nru. 759

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAŻ-ŻEBBUĠ(M)

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 727 tat-12 ta' Lulju, 2005, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħaż-Żebbuġ', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 759

NUMBERING OF DOORS AT ĦAŻ-ŻEBBUĠ(M)

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 727 dated 12th July, 2005, under the title 'Renumbering of doors at Ħaż-Żebbuġ', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAŻ-ŻEBBUĠ(M)

1. TRIQ ANTHONY AQUILINA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Patri Pelaġju Mifsud
Left side entering from Triq Patri Pelaġju Mifsud

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Orchidea	19
Sit bla bini	21

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Patri Pelaġju Mifsud
Right side entering from Triq Patri Pelaġju Mifsud

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	23		
Sit bla bini	25		
Sit bla bini	27		
Garaxx	29		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
19, Orchidea	19		
Bieb bla numru (Flettijiet)	**21**		
Garaxx	**23**		
Garaxx	**25**		
Garaxx	**27**		
29 (Garaxx)	29		

It-28 ta' Ġunju, 2022

28th June, 2022

Nru. 760

No. 760

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 107, tas-17 ta' Frar, 1995, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mosta', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 107, dated 17th February, 1995, under the title 'Renumbering of doors at Il-Mosta', the following prolongation in **bold** should be made.

IL-MOSTA

TRIQ SANTU ROKKU

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Dawret il-Wied

Left side entering from Dawret il-Wied

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Dawret il-Wied

Right side entering from Dawret il-Wied

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
2	54
Garaxx	56

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
54, **Bonsai**	54
Ta' Spiru	**56**
Atlantis Apartments	**58**
Bieb bla numru	**60**
Dahla għall-garaxxijiet	**62**
La Blanche	**64**

It-28 ta' Ġunju, 2022

28th June, 2022

Nru. 761

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-KALKARA

Emendi u Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 569 tal-21 ta' Lulju, 1998, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Kalkara', għandhom isiru dawn l-emendi u dan il-prolungament kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 761

NUMBERING OF DOORS AT IL-KALKARA

Amendments and Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 569 dated 21st July, 1998, under the title 'Renumbering of doors at Il-Kalkara', the following amendments and prolongation in **bold** should be made.

IL-KALKARA

9. TRIQ PATRI MATTEW SULTANA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq is-Sienja
Left side entering from Triq is-Sienja

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq is-Sienja
Right side entering from Triq is-Sienja

Emendi – ***Amendments***

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	35		
Sit bla bini	37-83		
59	85		
58	87		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	35		
Sit bla bini	37-59		
Bieb bla numru	**61**		
Bieb bla numru	**63**		
Bieb bla numru	**65**		
Bieb bla numru	**67**		
Bieb bla numru	**69**		
Bieb bla numru	**71**		
Bieb bla numru	**73**		
Bieb bla numru	**75**		
Bieb bla numru	**77**		
Bieb bla numru	**79**		
Daħla għall-garaxxijiet	**81**		
Daħla għall-garaxxijiet	**83**		
85	**85**		
Bieb bla numru	**87**		

Prolungament – ***Prolongation***

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	87		

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	**89**		
Daħla għall-garaxxijiet	**91**		
Bieb bla numru	**93**		
Bieb bla numru	**95**		

It-28 ta' Ġunju, 2022

Nru. 762

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
28.6.2022	€55.725	€0.636

28th June, 2022

No. 762

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

It-28 ta' Ġunju, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 107

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Furjana

Sat-Tnejn, 11 ta' Lulju, 2022, fil-11.00 p.m., minn Triq San Publju minn Triq l-Assedju l-Kbir sa Triq E. S. Tonna, Pjazza Papa Ġwanni XXIII, Triq Pietro Floriani minn Triq San Publju sa Triq Sant'Anna, Triq Vilhena minn Triq San Publju sa Triq Sant'Anna, Triq Sarria minn Triq E. S. Tonna sa Triq l-Assedju l-Kbir, u Pjazza San Publju;

28th June, 2022

POLICE NOTICE

No. 107

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Floriana

Till Monday, 11th July, 2022, at 11.00 p.m., through Triq San Publju from Triq l-Assedju l-Kbir till Triq E. S. Tonna, Pjazza Papa Ġwanni XXIII, Triq Pietro Floriani from Triq San Publju till Triq Sant'Anna, Triq Vilhena from Triq San Publju till Triq Sant'Anna, Triq Sarria from Triq E. S. Tonna till Triq l-Assedju l-Kbir, and Pjazza San Publju;

Nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Lulju, 2022, mill-5.00 a.m. sat-Tnejn, 11 ta' Lulju, 2022, fil-11.00 p.m., minn Triq il-Mall minn Triq V. Dimech sa Triq l-Assedju l-Kbir, Triq l-Assedju l-Kbir minn Triq il-Mall sa Triq Sant'Anna, Triq San Tumas minn Triq Sarria sa Triq Sant'Anna, Triq il-Miratur minn Triq San Publju, Triq Sant'Anna, Triq is-Suq minn Triq San Publju sa Triq Sant'Anna, Triq John Lopez minn Triq San Publju sa Triq Sant'Anna u Triq l-Isqof Mauro Caruana minn Triq E. S. Tonna sa Triq l-Assedju l-Kbir.

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) mhux se jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

Santa Venera

Mill-Ħamis, 28 ta' Lulju, 2022, fl-10.00 p.m., sat-Tnejn, 1 ta' Awwissu, 2022, fis-7.00 a.m., għeluq minn Triq il-Kbira San Ġużepp kantuniera ma' Triq Braille sa Triq il-Kbira San Ġużepp kantuniera ma' Triq Ħal Qormi;

Mill-Ħamis, 28 ta' Lulju, 2022, fl-10.00 p.m., sat-Tnejn, l-1 ta' Awwissu, 2022, fis-7.00 a.m., clearance minn Triq il-Kbira San Ġużepp kantuniera ma' Triq Braille sa Triq il-Kbira San Ġużepp kantuniera ma' Triq Ħal Qormi u Triq Ħal Qormi (Turretta).

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-28 ta' Ġunju, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 108

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta)

Nhar is-Sibt, 2 ta' Lulju, 2022, mill-5.00 p.m. sas-1.00 a.m. tal-Ħadd, 3 ta' Lulju, 2022, minn Pjazza tal-Parroċċa, Triq San Pawl u Triq il-Kbira.

On Friday, 1st July, 2022, from 5.00 a.m. till Monday, 11th July, 2022, at 11.00 p.m., through Triq il-Mall from Triq V. Dimech till Triq l-Assedju l-Kbir, Triq l-Assedju l-Kbir from Triq il-Mall till Triq Sant'Anna, Triq San Tumas from Triq Sarria till Triq Sant'Anna, Triq il-Miratur from Triq San Publju, Triq Sant'Anna, Triq is-Suq from Triq San Publju till Triq Sant'Anna, Triq John Lopez from Triq San Publju till Triq Sant'Anna and Triq l-Isqof Mauro Caruana from Triq E. S.Tonna till Triq l-Assedju l-Kbir.

Public transport (Valletta Circular Bus) will not be affected.

Road closure will be done as required.

Santa Venera

B'digriet mogħti fit-23 ta' Ġunju, 2022, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja) fuq Rikors numru 1063/2022, ippreżentat min-Nutar Nicolette Vella, fejn fih ġie ordnat il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tat-testment sigriet ta' Petronilla Cauchi, (KI 0022329M), bint il-mejtin Dunstan Giorgio Bellanti u Lucia Prato née Prato, imwielda r-Rabat, Malta, u mietet Tas-Sliema, Malta, fit-18 ta' Jannar, 2022, ta' 93 sena.

Il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' dan it-testment se jsir nhar it-Tlieta, 26 ta' Lulju, 2022, fid-disgħa u nofs ta' filgħodu (9.30 a.m.) fl-Awla 17, il-Qorti, Il-Belt Valletta, taħt il-ministeru tan-Nutar Nicholette Vella.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżidzzjoni Volontarja), illum 24 ta' Ġunju, 2022

ANTONIA DALLI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 23rd of June, 2022 by The Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on an application number 1063/2022 filed by Notary Nicolette Vella, wherein it has been ordered the opening and publication of the secret will of Petronilla Cauchi, (ID 0022329M), daughter of the late Dunstan Giorgio Bellanti and the late Lucia Prato née Prato, born at Rabat, Malta, and died Tas-Sliema, Malta, on the 18th January, 2022, aged 93 years.

The opening and publication are going to be held on Tuesday , 26th July, 2022, at half past nine in the morning (9.30 a.m.) in Hall 17, at the Law Courts, Valletta under the ministry of Notary Nicholette Vella.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section), today the 24th of June, 2022

ANTONIA DALLI
For The Registrar Civil Courts and Tribunals

1136

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-8 ta' Ġunju, 2022, u dan wara Rikors b'numru 444/2022, Ordnat:

L-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet opportuni fl-Att taż-Żwieġ li jġib in-numru 1840 tas-sena 2019 sabiex fil-kunjom illi l-mara addotat wara ż-żwieġ, wara l-kunjom 'Psaila' jiżdied il-kunjom ta' żewġha 'Ayed'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, illum il-Ħamis, 23 ta' Ġunju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 8th June, 2022, and upon an application numbered 444/2022, Ordered:

The Appropriate corrections or annotations in the Act of Marriage bearing the number 1840 of 2019 so that in the surname which the wife adopted after the marriage, after the surname 'Psaila' is added the surname of her husband 'Ayed'.

Court of Revision of Notarial Acts, today Thursday, 23rd June, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1137

Permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Frar, 2022, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni fl-ismijiet Alan Bonnici vs Margarita Kurgan, Ittra numru 625/2020VZ, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Margarita Kurgan a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta rikors fl-ismijiet Alan Bonnici (KI 401872M) vs Margarita Kurgan (KI MT327717) fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 625/2020VZ, ippreżentat fil-Qorti

By means of a decree of the 28th February, 2022, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Mediation Letter in the names Alan Bonnici vs Margarita Kurgan, Letter number 625/2020VZ, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Margarita Kurgan in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the acts of the Mediation Letter number 625/2020VZ in the names Alan Bonnici (ID 401872M) vs Margarita Kurgan (ID MT327717), filed in

(Sezzjoni tal-Familja) fis-6 ta' Ottubru, 2021, ir-rikorrenti Alan Bonnici (KI 401872M) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tafda l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri … omissis … lill-esponenti;

2. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha relatati mas-saħħa, edukazzjoni, ħruġ ta' passaporti u safar tal-imsemmija minuri;

3. Tordna aċċess superviżjonat għall-intimata għal minuri … omissis … u dan taħt dawk il-modalitajiet li jidrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti.

Salv kull provvediment ieħor xieraq u opportun.

Qorti (Sezzjoni tal-Familja), l-Onor. Imħallef Abigail Lofaro, LLD

Ittra Medjazzjoni numru 625/2020VZ

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

Tordna n-notifika lill-kontroparti b'ħames (5) ijiem utili għar-risposta.

Illum 3 ta' Novembru, 2021

Esponenti: T9, P22, Tigné Point, Tas-Sliema TPO1

Notifika: Intimata, 154, 32 Eteer, Flat 1, Semi Basement Level, Tigné Street, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 24 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the Civil Court (Family Section), on the 6th October, 2021, the applicant Alan Bonnici (ID 401872M) requested this Honourable Court to:

1. Award the exclusive care and custody of the minor child … omissis … to the applicant;

2. Authorises the applicant to take all decisions pertaining to the health and education of the minor child;

3. Order supervised access for the defendant to the minor child … omissis … under those modalities that this court may deem fit.

Subject to any other provisions that may deem fit and opportune.

Civil Court (Family Section), Judge Abigail Lofaro, LLD

Mediation Letter number 625/2020VZ

The Court,

Having seen the application,

Orders service on the other party, who is to file a reply within five (5) working days.

Today 3rd November, 2021

Applicant: T9, P22, Tigné Point, Tas-Sliema TPO1

Notification: Respondent, 154, 32 Eteer, Flat 1, Semi Basement Level, Tigné Street, Tas-Sliema

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 24th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1138

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fit-30 ta' Mejju, 2022, fuq talba ta' Dorianne Valentina Anyanwu ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Uchenna Anyanwu, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 36/2022JPG, fl-ismijiet Dorianne

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 30th May, 2022, following a request of Dorianne Valentina Anyanwu it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Uchenna Anyanwu , in the records of the Sworn Application 36/2022 JPG, in the names Dorianne

Valentina Anyanwu vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Guramentat, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-9 ta' Frar, 2022, fl-ismijiet Dorianne Valentina Anyanwu (KI 610582M) vs Uchenna Anyanwu (KI 424215L), fejn ir-rikorrenti Dorianne Valentina Anyanwu (KI 610582M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti għal kunjom xbubitha, ċjoè Mifsud;

3. Tiddikjara illi l-kura u kustodja tal-minuri għandha tkun fdata esklussivament f'idejn l-esponenti omm;

4. Tawtorizza lir-rikorrenti tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut;

5. Tiddikjara l-aċċess għall-intimat missier għandu jsir fil-preżenza tal-omm u taħt provvedimenti oħra li din il-Qorti fiċ-ċirkostanzi jidhrilha li huma xierqa u opportuni;

6. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lir-rikorrenti għall-imsemmija minuri dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa skont il-bżonnijiet tal-imsemmija minuri u skont il-mezzi tal-konvenut u tal-attriċi, liema retta tkun pagabbli fil-jum u ħin li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa;

7. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn iż-żewġ partijiet u tillikwida u taqsam l-istess kommunjoni f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati porzjon wieħed lill-attriċi u l-ieħor lill-konvenut, okkorendo billi jiġi nominat perit, nutar biex jirċievi l-att opportun u kuratur biex jirrappreżenta lill-kontumaċi fl-istess att;

8. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

9. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li jinsab minn issa inġunt in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Dorianne Valentina Anyanwu vs Kuraturi Deputati, Rikors numrru 36/22JPG, jinsab differit għas-7 ta' Lulju, 2022, fid-9.45 a.m.

Rikorrenti: 262, Couer de Gesu, Flat 1, Triq Dr Nicola Zammit, Is-Siġġiewi SGW 3070

Valentina Anyanwu vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed, in the Civil Court (Family Section), in the names Dorianne Valentina Anyanwu (ID 610582M) vs Uchenna Anyanwu (ID 424215L) , on the 9th February, 2022, the applicant Dorianne Valentina Anyanwu (ID 610582M) requested this Honourable Court so that:

1. Pronounce the divorce between the parties;

2. Authorise the applicant to revert to her maiden surname that is Mifsud;

3. Declare that the care and custody of the minors is entrusted exclusively to the mother;

4. Authorise the applicant to remain residing in the matrimonial home to the exclusion of the counter-party;

5. Declare that the access of the father takes place in the presence of the mother and under other provisions that this Court in the circumstance deems appropriate and opportune;

6. Condemns the defendant to pay the applicant a sum of maintenance for their minor children which the Court deems fit, according to the minors néeds and according to the means of the defendant and of the applicant, which sum should be paid on the date and time set by this Court;

7. Dissolve the community of acquests between the parties and liquidate and divide the same in two portions in which one portion will be assigned to the applicant and the other to the counter-party, and if necessary to nominate an architect, a notary to receive the opportune act as well as a curator to represent the contumacious in the same act;

8. Apply against the defendant the sanctions contemplated in the provisions of article 48 of the Civil Code;

9. Order the Registrar of the Courts to, in the time specified by this Court, notify the Director of Public Registry regarding the divorce of the parties so that this is registered in the Public Registry.

With costs to be borne by the defendant who is hereby being immediately summoned.

The Sworn Application in the names Dorianne Valentina Anyanwu vs Deputy Curators, Application number 36/2022JPG, is postponed for hearing to the 7th July, 2022, at 9.45 a.m.

Applicant: 262, Couer de Gesu, Flat 1, Triq Dr Nicola Zammit, Siġġiewi, SGW 3070

Notifika: Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Anna Felice, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 30 ta' Mejju, 2022

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum 24 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Anna Felice, LLD, Doctor of Laws.

Today 30th May, 2022

Registry of the Civil Court (Family Section), today 24th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1139

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-4 ta' Marzu, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2250/2021, fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Mario Pisani, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Mario Pisani (KI 426476M) ta' Grey Shades, Flat 2, Triq iċ-Ċilì, In-Naxxar, u/jew Harmony Court, No. 4, Triq il-Ħmistax ta' Awwissu, Il-Mosta, fit-3 ta' Settembru, 2021, Bank of Valletta plc ta' 1/5, Misraħ San Ġorġ, Il-Belt Valletta VLT 1190, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €12,530.38 bilanċ għad-debitu riżultanti minn encroachment fil-Current Account tiegħek mal-Bank of Valletta plc flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mit-18 ta' Awwissu, 2021, sad-data tal-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk inti tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 24 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 4th March, 2022, in the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2250/2021 in the names Bank of Valletta plc vs Mario Pisani, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Mario Pisani (ID 426476M) of Grey Shades, Flat 2, Triq iċ-Ċilì, Naxxar, and/or Harmony Court, No. 4, Triq il-Ħmistax ta' Awwissu, Mosta, on the 3rd September, 2021, Bank of Valletta plc of 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta VLT 1190, calls upon you so that within two days you pay the sum of €12,530.38 balance of debt resulting from encroachment in your Current Account with Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 18th August, 2021, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 24th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Lulju, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2173/2019, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Justin Balzan, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Justin Balzan (KI 222784M) ta' 22, Flat 5, Misraħ Sant'Iermu, Il-Belt Valletta VLT 1750, fil-21 ta' Ottubru, 2019, HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €3480.32 rappreżentanti inkwantu għas-somma ta' €3737.82 bħala kapital u inkwantu għas-somma €257.50 bħala mgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sas-16 ta' Ottubru, 2019, liema somma hija dovuta fuq il-kont bin-numru 033-360769-300, liema somma ġiet debitament mogħtija lilek fuq faċilità ta' Personal Loan mill-bank mittent u aċċettat minnek oltre l-imgħax mis-17 ta' Ottubru, 2019, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma inti għalkemm repetutament interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan/u;

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €136.01, bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €1.06 bħala mgħaxijiet li ddekkorew fuq il-kapital sas-16 ta' Ottubru, 2019, bl-ispejjeż amministrattivi, oltre l-imgħax mis-17 ta' Ottubru, 2019, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, u dan in rifużjoni ta' flus lilek avvanzati fuq faċilità ta' Visa Gold Credit Card bin-numru 4035 7100 3598 5196, liema somma inti għalkemm repetutatment interpellat biex tħallas, inqast milli tagħmel/u;

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €61.33 rappreżentanti inkwantu għas-somma ta' €61.06 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €0.27 bħala imgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sas-16 ta' Ottubru, 2019, fuq il-kont bin-numru 087-032736-050, liema somma hija Encroachment fuq il-kont tat-tip Savings li ġiet debitament mogħtija lilek mill-Bank mittent u aċċettat minnek, oltre l-imgħax mis-17 ta' Ottubru, 2019, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma inti għalhekk repetutament interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan.

Tinfurmak li jekk tonqos milli tħallas l-arretrati kollha fi zmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra, il-

By means of a decree of the 12th July, 2021, in the records of the judicial letter number 2173/2019, in the names HSBC Bank Malta plc vs Justin Balzan, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Justin Balzan (ID 222784M) of 22, Flat 5, Misraħ Sant'Iermu, Valletta VLT 1750, on the 21st October, 2019, HSBC Bank Malta plc (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta, solicits you so that within two days from the day when you receive this letter you pay the amount of €3480.32, representing as for the amount of €3737.82 as the capital and as for the sum of €257.50 as interest that accrued on the capital sum till the 16th October, 2019, with amount is due on the account number 033-360769-300, which amount was duly given to you by means of Personal Loan facility with the applicant bank and accepted by you, besides the interest from the 17th October, 2019, till the date of this letter, together with further legal interest on the capital amount from the date of this letter till the effective payment, which amount although repeatedly solicited to pay you remained in default/and;

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €136.01 as capital and as for the amount of €1.06 as interest that accrued on the capital till the 16th October, 2019, with administrative costs, besides the interest from the 17th October, 2019, till the date of this letter together with further legal interest on the capital amount from the date of this letter till the date of effective payment and this by way of refund of money given to you by means of the Visa Gold Credit Card facility holiding number 4035 7100 3598 5196, which sum you failed to pay although you were repeatedly called upon to pay it/and;

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €61.33 representing as for the amount of €61.06 as capital and as for the amount of €0.27 as interest that accrued on the capital till the 16th October, 2019, on the account number 087-032736-050, which amount is Encroachment on the account of type Savings, which were duly given to you by the interpellant bank and accepted by you, besides the interest from the 17th October, 2019, till the date of this letter, together with further legal interest on the capital amount from the date of this letter till the date of effective payment , which sum you failed to pay although you were repeatedly called upon to pay it.

Informs you that if you fail to pay all the arrears due within fifteen days from the date of notification of this letter,

bilanc intier tas-self isir kollu dovut f'daqqa oltre imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili, inti tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dan il-każ inti mitluba illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievi din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad nutar.

Din l-ittra sservi wkoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mil-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 24 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

the entire balance of the loan becomes due all at once besides the legal interest at the rate of 8% per annum until the date of effective payment.

To avoid useless Court costs, if the payment of the debt above mentioned is not possible and you néed more time for monthly payments, you can admit your debt with the Bank by means of a notarial act. In this case you are advised that within fifteen days from the service of this letter you are to advise the Bank and engage a notary.

This letter serves to interrupt prescription, and so it is required by law in terms of Article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

In default further Court procedures will be taken against you without further notice.

So much for your own guidance

With Costs

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1141

Permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Diċembru, 2021, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3973/2021, fl-ismijiet BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc vs Roderick Azzopardi, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Roderick Azzopardi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 22 ta' Settembru, 2021

Lil Roderick Azzopardi (KI 0515384M), ta' 47, Flt 101, Triq Ġużeppi Callus, Il-Mosta

Permezz tal-preżenti, il-kumpanija BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc ta' 203, Level 2, Triq D'Argens, Il-Gżira (C41030), tinterpellak sabiex fi żmien ġimagħtejn min-notifika lilek ta' din l-ittra, int tħallasha s-somma ta' €147,197.27 rappreżentanti dejn fuq il-faċilitajiet bankarji li inti għandek magħha u li ġew konċessi lilek permezz ta' Credit Agreement datat 21 ta' April, 2017, u kuntratt pubbliku datat 25 ta' Lulju, 2017, in atti tan-Nutar Dr Annalisa Caruana. Dan id-dejn jikkonsisti f'dan li gej:

1. €129,073.02 dovuti fuq House Loan Account numru 3680371002 u jinkludu mgħaxijiet ta' €3,514.10; u

By means of a decree of the 28th December, 2021, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 3973/2021, in the names BNF Bank plc previously known as Banif Bank (Malta) plc vs Roderick Azzopardi the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Roderick Azzopardi in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 22nd September, 2021

To Roderick Azzopardi (KI 0515384M) of 47, Flt 101, Triq Ġużeppi Callus, Mosta

By the present BNF Bank plc previously known as Banif Bank (Malta) plc (C 41030) of 203, Level 2, Triq D'Argens, Gzira, solicits you so that within two weeks from the notification of this letter you pay the amount of €147,197.27 representing the debt on bank facilities that you have with it and that were given to you by means of a Credit Agreement dated 21st April, 202,1 and by means of a public deed dated 25th July, 2017, in the records of Notary Dr Annalisa Caruana. This debt consists as follows:

1. €129,073.02 due on House Loan Account number 3680371002 and includes €3,514.10 as interest; and

2. €17,311.64 dovuti fuq House Equity Loan Account numru 3680371003 u jinkludu mgħaxijiet ta' €685.76; u

3. €812.61 fi spejjeż bankarji marbuta mal-loans fuq imsemmija, dovuti fuq Current Account numru 3680310002 u li jinkludu mgħaxijiet ta' €3.37;

L-imgħaxijiet fuq imsemmija nħadmu lkoll fil-15 ta' Settembru, 2021. Għaldaqstant, il-mittenti qed tinterpellak sabiex int tħallasha l-imgħaxijiet minn din id-data sad-data tal-ħlas effettiv bir-rati kummerċjali. Int mitlub wkoll tħallas kwalsijasi charges u fees bankarji dovuti lilha minħabba d-dejn tiegħek magħha. Dan kollu qed jintalab ai termini tal-ftehim tiegħek mal-mittenti.

F'każ li l-ħlas mitlub ma jsirx, jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek inkluż bil-ftuħ ta' kawża u bl-ispedizzjoni tal-mandati opportuni. Dan kollu mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek u tevita spejjeż ulterjuri bla bżonn.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra legali datata 17 ta' Ġunju, 2021

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 24 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

2. €17,311.64 due on House Equity Loan Account number 3680371003 and includes €685.76 as interest; and

3. €812.61 in bank charges in connection with the loans above mentioned, due on Current Account number 3680310002 and includes €3.37 interest.

The interest above mentioned was all calculated on the 15th September, 2021. Thus, the applicant is hereby soliciting you also to pay the interest from this date till the date of effective payment, with the commercial rates. You are requested to pay any bank charges and fees due to the Bank because of the debt. All this is requested in terms of your agreement with the interpellant.

In default, further proceedings will be initiated against you in Court, including the institution of a lawsuit and the issue of the opportune warrants. All this without further notice.

So much for your own guidance and to avoid further unnecessary expenses.

With costs including those of the legal letter dated 17th June. 2021

Registry of the Superior Courts today 24th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1142

Permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' April, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 383/2022, fl-ismijiet Aldo Urpani vs Sandro Piscopo, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum, 27 ta' Jannar, 2022

Lil: Sandro Piscopo (KI 292273M) ta' 35, Flat 3, Triq il-Marokk, In-Naxxar

Permezz tal-preżenti, Aldo Urpani (KI 0135974M) ta' 44/46, Triq Spinola, Paceville, San Ġiljan STJ 10, filwaqt li jagħmel referenza għall-kostituzzjoni ta' debitu self brevi manu li sar bejn il-mittenti u l-intimat fit-13 ta' Frar, 2020, kopja annessa u markata Dok. A, u li permezz tagħha l-intimat kkostitwixxa ruħu bħala debitur fis-somma ta' €20,498.49 u li permezz tagħha tali somma hija mingħajr imgħax kemm-il darba l-intimat iħallas tali somma sat-30 ta' Ġunju, 2020, u qed jinterpella lill-intimat sabiex fi żmien

By means of a decree of the 22nd April 2022, in the records of the judicial letter number 383/2022, in the names Aldo Urpani vs Sandro Piscopo, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 27th January, 2022

To Sandro Piscopo (ID 292273M) of 35, Flat 3, Triq il-Marokk, Naxxar

By means of this present, Aldo Urpani (ID 0135974M) of 44/46, Triq Spinola Paceville, St Julian's STJ 10, makes reference to the constitution of debt brevi manu made between the interpellant and the respondent on the 13th February, 2020, copy attached and marked as Doc. A, by means of which the respondent constituted himself as debtor in the amount of €20,498.49 and by means of which this amount was without interest if the respondent paid such amount till the 30th June, 2020, and thus the interpellant is

jumejn min-notifika ta' dan l-att, iħallas l-ammont kollu dovut inkluż l-interesi tenut kont li skont l-iskrittura bdew jiddekorru l-interessi bl-ogħla rata peremssa skont il-liġi.

Fin-nuqqas jittieħdu proċeduri kontra l-intimat skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

soliciting the respondent so that within two days from the notification of this act, pays all the amount due including the interest and taking into consideration that according to the agreement the interest will start to accrue by the highest rate permitted by law.

In default further procedures will be taken against the respondent according to law.

With costs

Registry of the Superior Courts today 24th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1143

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-20 ta' Mejju, 2022, Rikors numru 867/2022, minn Sebastiana Carabott fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha s-suċċessjoni ta' ħuha John Agius, ġuvni, bin il-mejtin Paul Agius u Josephine Agius née Grech, imwieled Ħal Qormi, Malta, kien residenti Ħal Qormi, Malta, u miet l-Imsida, Malta fit-13 ta' Jannar, 2021, ta' 62 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 723558M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 24 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 20th May, 2022, Application number 867/2022, by Sebastiana Carabott whereby she requested that it be declared open in her favour the succession of her brother John Agius, bachelor, son of the late Paul Agius and Josephine Agius née Grech, born in Ħal Qormi, Malta, resided in Ħal Qormi, Malta and died in Msida, Malta, on the 13th January, 2021, aged 62, and who held identity card number 723558M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 24th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1144

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-25 ta' Mejju, 2022, Rikors numru 897/2022, minn Raymond Borg fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur tiegħu s-suċċessjoni ta' ommu Lucia Borg, armla minn Paolo, bint il-mejtin Paolo Ciappara u Caterina née Montebello, imwielda Ħal Qormi, Malta, kienet residenti San Ġwann, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fil-15 ta' Frar, 2019, ta' 84 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 0794234M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 25th May, 2022, Application number 897/2022, by Raymond Borg whereby he requested that it be declared open in his favour the succession of his mother Lucia Borg, widow of Paolo Borg, daughter of the late Paolo Ciappara and Caterina née Montebello, born in Ħal Qormi, Malta, resided in San Ġwann, Malta, and died in Msida, Malta, on the 15th February, 2019, aged 84, and who held identity card number 0794234M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said

b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 24 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 24th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1145

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-25 ta' Mejju, 2022, Rikors numru 896/2022, minn Raymond Borg fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Lucia Borg, mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Raymond Borg iben id-decujus is-suċċessjoni ta' missieru Paolo Borg, żewġ Lucy sive Lucia Borg née Ciappara, bin il-mejtin Carmelo Borg u Carmela née Borg, imwieled il-Belt Valletta, Malta, kien residenti San Ġwann, Malta u miet l-Imsida, Malta, fit-13 ta' Mejju, 2009, ta' 81 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 0011528M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 24 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 25th May, 2022, Application number 896/2022, by Raymond Borg whereby he requested that it be declared open in favour of Lucia Borg, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Raymond Borg, son of the decujus the succession of his father Paolo Borg, husband of Lucy sive Lucia Borg née Ciappara, son of the late Carmelo Borg and Carmela née Borg, born in Valletta, Malta, resided in San Ġwann, Malta, and died in Msida, Malta, on the 13th May, 2009, aged 81, and who held identity card number 0011528M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 24th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1146

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-25 ta' Mejju, 2022, Rikors numru 894/2022, minn Rose Marie Brincat et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Rose Marie Brincat u Maurice Borg ħut id-decujus f'ishma indaqs bejniethom ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed u waħda minnhom, is-suċċessjoni ta' Joseph Borg, ġuvni, bin il-mejtin Michael Borg u Amalia née Spiteri, imwieled Birkirkara, Malta, kien residenti Birkirkara, Malta, u miet Birkirkara, Malta, fil-11 ta' Marzu, 2022, ta' 82 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 178040M.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 25th May, 2022, Application number 894/2022, by Rose Marie Brincat et whereby they requested that it be declared open in favour of Rose Marie Brincat and Maurice Borg brother and sister of the decujus in equal shares between them that of of one half (1/2) undivided share each one of them the succession of Joseph Borg, bachelor, son of the late Michael Borg and Amalia née Spiteri, born in Birkirkara, Malta, resided in Birkirkara, Malta, and died in Birkirkara, Malta, on the 11th March, 2022, aged 82, and who held identity card number 178040M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 24 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 24th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1147

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-26 ta' Mejju, 2022, Rikors numru 912/2022, minn Hanna Ellul fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Hanna Ellul, mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Aryton Ellul u Jean Paul Ellul ulied id-decujus is-suċċessjoni ta' Mario Ellul, żewġ Hanna Gennadiyivna Ellul née Cheernyavsaka, bin Paul u Esther née Scerri, imwieled Tal-Pietà, Malta, kien residenti l-Imqabba, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fl-4 ta' Marzu, 2021, ta' 47 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 235173M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 24 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 26th May, 2022, Application number 912/2022, by Hanna Ellul whereby she requested that it be declared open in favour of Hanna Ellul, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Aryton Ellul and Jean Paul Ellul children of the decujus the succession of Mario Ellul, husband of Hanna Gennadiyivna Ellul née Cheernyavsaka, son of Paul and Esther née Scerri, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Mqabba, Malta, and died in Msida, Malta, on the 4th March, 2021, aged 47, and who held identity card number 235173M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 24th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1148

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-2 ta' Mejju, 2022, Rikors numru 724/2022, minn Carmen Mangion fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha s-suċċessjoni ta' Violet Bonello, xebba, bint il-mejtin Felice Bonello u Maria née Magri, imwielda Ħaż-Żabbar, Malta, kienet rresidenti Ħaż-Żabbar, Malta, u mietet Ħaż-Żabbar, Malta, fil-15 ta' Settembru, 2021, ta' 76 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 515145M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 2nd May, 2022, Application number 724/2022, by Carmen Mangion whereby she requested that it be declared open in her favour the succession of Violet Bonello, unmarried, daughter of the late Felice Bonello and Maria née Magri, born in Ħaż-Żabbar, Malta, resided in Ħaż-Żabbar, Malta, and died in Ħaż-Żabbar, Malta, on the 15th September, 2021, aged 76, and who held identity card number 515145M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said

b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 24 ta' Ġunju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 24th June, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1149

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-26 ta' Mejju, 2022, fuq talba ta' Golden Harvest Manufacturing Company Limited ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 964/2022 fl-ismijiet Golden Harvest Manufacturing Company Limited vs Lewis Bonello u Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Golden Harvest Manufacturing Company Limited (C176) vs Lewis Bonello (KI 796746M) bin Angelo u Agnes née Micallef, imwieled Birkirkara u residenti l-Qala, Għawdex, u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa tal-Kurunell Lt Roger Strickland u Mary mart il-Kavallier Gioacchino di Rienzo, aħwa wlied in-Nobbli Charles Edward Strickland u ta' Elle née Naudi mwielda t-tnejn in-Naxxar, ipprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-24 ta' Mejju, 2022, fejn Golden Harvest Manufacturing Company Limited (C 176) esponiet bir-rispett:

Illi r-rikorrenti hija l-proprjetarja ta' fond mingħajr numru ċiviku bl-isem Pacey Stables, ġja Saint George's Stables sive Ta' Saliba Stables f'Racecourse Street, il-Marsa, kif ukoll parti diviża mill-arja tal-istess fond, li ġew akkwistati mir-rikorrenti permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dr Frank Xavier Dingli datat 16 ta' Ġunju, 1977, (kopja tal-kuntratt annessa u mmarkata bħala Dok. GH1) li huwa suġġett għas-subċens annwu u perpetwu ta' €46.60 li jitħallas lill-intimati;

